



Brussell, 17 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

9911/25

LIMITE

CORLX 557  
CFSP/PESC 839  
COHOM 96

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi  
kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999<sup>1</sup>.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, permezz tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), fisem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-realizzazzjoni tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem għal kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) F'Marzu 2025, mewġa ta' vjolenza fir-reġjun kostali tas-Sirja ħolqot għadd kbir ta' vittmi, inkluż bosta persuni ċivili. Fil-11 ta' Marzu 2025, ir-Rappreżentant Għoli ħarġet dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li fiha l-Unjoni kkundannat id-delitti orribbli mwettqa kontra persuni ċivili, inkluż qtil arbitrarju. Barra minn hekk, l-atturi relatati mar-reġim preċedenti ta' al-Assad għad għandhom rwol destabilizzanti u huma responsabbli għal jew jipprovdu appoġġ għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj>).

- (4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li ħames persuni jiżdedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNES

Fl-Anness tad-Deċizzjoni (PESK) 2020/1999, l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura

"A. Persuni fiżiċi":

|       | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni bl-<br>alfabett Latin)  | Ismijiet  | Informazzjoni ta'<br>identifikazzjoni   | Raġunijiet għall-ejenkar   | Data tal-<br>ejenkar |
|-------|--|---|---|--|----------------------|
| "121. | Miqdad Lu'ay<br>FATIHA<br>magħruf ukoll bħala<br>Miqdad FATIHA,<br>Miqdad FUTAIHA,<br>Abu Jafar, Abu Jaafar,<br>Abu Ja' afar | مقداد لوي فتية<br>مقداد فتية<br>(Ortografija<br>Għarbija) | Data tat-twelid:<br>19.6.1989<br>Post tat-twelid:<br>Jableh, Latakia, Syria<br>Nazzjonalità: Sirjana<br>Sess: raġel<br>Indirizz:<br>Syria/Lebanon | Miqdad Fatiha huwa eks membru tal-Gwardja<br>Repubblikana Sirjana, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġiet<br>xolta. F'dan ir-rwol kien responsabbli għal ħafna ksur jew<br>abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u<br>trattament krudili ieħor tal-priġunieri.<br>Wara l-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad f'Diċembru 2024,<br>Miqdad Fatiha fforma milizzji fir-reġjuni kostali tas-Sirja,<br>li kebbsu tensjonijiet settarji u inċitament għall-vjolenza.<br>L-unitajiet taħt il-kmand tiegħu kienu involuti fil-vjolenza<br>settarja ta' Marzu 2025 fir-reġjun kostali tas-Sirja li<br>rriżultat fit-telf ta' mijiet ta' ħajjiet ta' ċivili.<br>Bħala l-mexxej tal-milizzji, Miqdad Fatiha huwa<br>għalhekk responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-<br>drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili,<br>inuman u degradanti ieħor. | +                    |

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċizzjoni.

|      | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni bl-<br>alfabett Latin)   | Ismijiet  | Informazzjoni ta'<br>identifikazzjoni  | Raġunijiet għall-elenkar  | Data tal-<br>elenkar |
|------|---|---|--|---|----------------------|
| 122. | Ghaith DALLA<br>magħruf ukoll bħala<br>Ghiath Suleiman<br>DALLA,<br>Ghyath DALLA,<br>Ghayth DALLA | غياث سليمان دلا<br>دلا سليمان غياث<br>(Ortografija<br>Għarbija) | Data tat-twelid:<br>31.7.1971<br>Post tat-twelid: Beit<br>Yashout, Syria<br>Nazzjonalità: Sirjana<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati:<br>Maher Al-Assad<br>Entitajiet assoċjati:<br>Fourth Division of the<br>Syrian Army, Military<br>Council for the<br>Liberation of Syria | Ghaith Dalla huwa eks Brigadier Ġeneral mal-magħrufa<br>Fourth Army Division tas-Sirja waqt ir-reġim ta' al-<br>Assad. F'dan ir-rwol, kien responsabbli għal ħafna ksur<br>jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem dokumentati<br>sewwa, inkluż qtil ekstraġudizzjarju u pieneni krudili bl-użu<br>tal-ġuħ.<br>Wara l-waqqgħa tar-reġim ta' al-Assad, Ghaith Dalla<br>stabilixxa u mexxa l-"Military Council for the<br>Liberation of Syria" f'Marzu 2025. Il-milizzja tiegħu<br>minn dak iż-żmien 'l hawn kebbset tensjonijiet settarji u<br>inċitat il-vjolenza fir-reġjun kostali tas-Sirja. L-unitajiet<br>ta' Ghaith Dalla kienu involuti fil-vjolenza settarja ta'<br>Marzu 2025 fir-reġjun kostali tas-Sirja li rriżultat fit-telf<br>ta' mijiet ta' ħajjiet ta' ċivili.<br>Għalhekk, Ghaith Dalla huwa responsabbli għal ksur jew<br>abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. | +                    |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

|      | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni bl-<br>alfabett Latin)                                      | Ismijiet                                      | Informazzjoni ta'<br>identifikazzjoni   | Raġunijiet għall-eLENkar   | Data tal-<br>elenkar |
|------|--|---|---|--|----------------------|
| 123. | Suhayl AL-HASAN<br>magħruf ukoll bħala<br>Suhail Salman AL-<br>HASAN, Suhail AL-<br>HASSAN | سهيل سلمان الحسن<br>(Ortografija<br>Għarbija) | Data tat-twelid:<br>10.6.1970<br>Post tat-twelid:<br>Jableh, Latakia, Syria<br>Nazjonalità: Sirjana<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Tartus, Syria | Suhayl al-Hasan huwa Eks Kmandant tad-Division 25<br>Special Mission Forces tal-forzi armati Sirjani taħt ir-<br>reġim ta' al-Assad. F'dan ir-rwol, kif ukoll fil-bosta karigi<br>oħra li kellu fil-Forzi Armati Sirjani, wettaq u ssorvelja<br>għadd kbir ta' ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-<br>bniedem li jinkludu tortura, qtil extraġudizzjarju u arresti<br>arbitrarji. Irrappurtat ukoll li ssorvelja l-użu ta' armi<br>kimiċi.<br><br>Wara l-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad, Suhayl al-Hasan<br>stabbilixxa l-"Coastal Shield Brigade" f'Marzu 2025. Il-<br>milizzja tiegħu minn dak iż-żmien 'l hawn kebbset<br>tensjonijiet settarji u inċitat il-vjolenza fir-reġjun kostali<br>tas-Sirja. L-unitajiet ta' Suhayl al-Hasan kienu involuti<br>fil-vjolenza settarja ta' Marzu 2025 fir-reġjun kostali tas-<br>Sirja li rriżultat fit-telf ta' mijiet ta' ħajjiet ta' ċivili.<br><br>Għalhekk, Suhayl al-Hasan huwa responsabbli għal ksur<br>jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. | +                    |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.



|      | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni bl-<br>alfabett Latin)   | Ismijiet                               | Informazzjoni ta'<br>identifikazzjoni   | Raġunijiet għall-ejenkar  | Data tal-<br>ejenkar |
|------|---|--|---|---|----------------------|
| 124. | Mudalal KHOURY<br>magħruf ukoll bħala<br>Madalal (Mtanyus)<br>KHURI,<br>Mudallal KHOURY,<br>Mudallal KHOURI | مدلل خوري<br>(Ortografija<br>Għarbija) | Data tat-twelid:<br>18.6.1957<br>Post tat-twelid: Homs,<br>Syria<br>Nazjonalità: Sirjana,<br>Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Moscow<br>Individwu assoċjat:<br>Imad Khoury | Mudalal Khoury huwa negozjant Sirjan-Russu li jopera<br>mir-Russja. Huwa wieħed mill-aktar negozjanti Sirjani<br>prominenti li appoġġaw ir-reġim ta' al-Assad. F'kuntest<br>fejn ir-reġim ta' al-Assad uża "barrel bombs" u armi<br>kimiċi kontra l-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, Mudalal<br>Khoury rrappreżenta l-interessi kummerċjali u finanzjarji<br>tar-reġim fir-Russja. Fost affarijiet oħra, ipprova<br>kumpaniji fittizji biex jintużaw għall-programmi ta' armi<br>kimiċi u ballistiċi tar-reġim ta' al-Assad.<br>Għalhekk, Mudalal Khoury ipprova appoġġ finanzjarju,<br>tekniku u materjali għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet<br>tal-bniedem, b'mod partikolari delitti kontra l-umanità. | +                    |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

|      | Ismijiet<br>(Trażlitterazzjoni bl-<br>alfabett Latin)                                 | Ismijiet                               | Informazzjoni ta'<br>identifikazzjoni  | Raġunijiet għall-ejenkar   | Data tal-<br>ejenkar |
|------|---|--|--|--|----------------------|
| 125. | Imad KHOURY<br>magħruf ukoll bħala<br>Emad KHOURY,<br>Mtanyus KHURY,<br>KHURI, KHOURI | عماد خوري<br>(Ortografija<br>Għarbija) | Data tat-twelid:<br>3.10.1964<br>Nazzjonalità: Sirjana,<br>Russa<br>Sess: raġel<br>Individwu assoċjat:<br>Mudalal Khoury | Imad Khoury huwa wieħed mill-aktar negozjanti Sirjani prominenti li appoġġaw ir-reġim ta' al-Assad. F'kuntest fejn ir-reġim ta' al-Assad uża "barrel bombs" u armi kimiċi kontra l-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, Imad Khoury rrappreżenta l-interessi kummerċjali u finanzjarji tar-reġim. Fost affarijiet oħra, waqqaf kumpanija li kienet parti minn skema ta' ħasil tal-flus li kienet tappoġġa lir-reġim ta' al-Assad. B'dan il-mod, flimkien ma' hih Mudalal Khoury, għen fil-finanzjament tad-delitti gravi kontra l-umanità mwettqa taħt ir-reġim ta' al-Assad.<br><br>Għalhekk, Imad Khoury ipprovda appoġġ finanzjarju, tekniku u materjali għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari delitti kontra l-umanità. | +                    |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.